REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2021/2263

tas-17 ta' Diċembru 2021

li jemenda r-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2016/323 fir-rigward tal-kodiċi għaċ-ċertifikat għall-prodotturi żgħar indipendenti tax-xorb alkoħoliku

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 389/2012 tat-2 ta' Mejju 2012 dwar kooperazzjoni amministrattiva fil-qasam tad-dazji tas-sisa u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 2073/2004 ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 9(2), l-Artikolu 15(5) u l-Artikolu 16(3) tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/2266 ([2]) jistabbilixxi l-formola għaċ-ċertifikat imsemmi fl-Artikolu 23a(1) tad-Direttiva tal-Kunsill 92/83/KEE ([3]) li għandu jiġi pprovdut mill-Istati Membri lil prodotturi żgħar indipendenti ta' xorb alkoħoliku. Dak ir-Regolament jistabbilixxi wkoll ir-referenzi li għandhom isiru minn dawk il-prodotturi fid-dokument amministrattiv għall-moviment ta' xorb alkoħoliku skont il-Kapitoli IV u V tad-Direttiva tal-Kunsill 2008/118/KE ([4]).

(2) L-istruttura u l-kontenut tal-messaġġi elettroniċi użati għall-iskop tal-movimenti ta' oġġetti tas-sisa taħt sospensjoni tad-dazju tas-sisa huma stabbiliti fl-Anness I tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 684/2009 ([5]). Dak l-Anness jispeċifika wkoll l-elementi meħtieġa biex jimtlew ċerti elementi tad-*data* f'dawk il-messaġġi elettroniċi, inkluż it-tip ta' ċertifikat fil-kaxxa 18e tad-dokument amministrattiv, fejn għandu jingħata kodiċi f'konformità mal-lista tal-Kodiċijiet 15 tal-Anness II tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2016/323 ([6]).

(3) Għall-fini tal-identifikazzjoni taċ-ċertifikat ta' prodotturi żgħar indipendenti tax-xorb alkoħoliku fid-dokument amministrattiv għall-moviment ta' tali xorb, huwa xieraq li jiżdiedu kodiċi u deskrizzjoni speċifiċi għaċ-ċertifikat kif imsemmi fir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/2266 fil-Lista tal-kodiċijiet 15 tal-Anness II tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2016/323.

(4) Għaldaqstant, jenħtieġ li r-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2016/323 jiġi emendat skont dan.

(5) Jenħtieġ li l-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament tiġi differita għall-1 ta' Jannar 2022 sabiex tiġi allinjata mal-applikazzjoni tal-miżuri nazzjonali promulgati għat-traspożizzjoni tad-Direttiva tal-Kunsill (UE) 2020/1151 ([7]).

(6) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma f'konformità mal-opinjoni tal-Kumitat dwar id-Dazji tas-Sisa,

([1]) ĠU L 121, 8.5.2012, p. 1.

([2]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/2266 tas-17 ta' Diċembru 2021 li jistabbilixxi regoli għall-applilkazzjoni tad-Direttiva tal-Kunsill 92/83/KEE fir-rigward taċ-ċertifikazzjoni u l-awtoċertifikazzjoni ta' prodotturi żgħar indipendenti ta' xorb alkoħoliku għall-iskop tad-dazju tas-sisa (Ara paġna 26 ta' dan il-Ġurnal Uffiċjali).

([3]) Id-Direttiva tal-Kunsill 92/83/KEE tad-19 ta' Ottubru 1992 dwar l-armonizzazzjoni tal-istrutturi tat-taxxi tas-sisa fuq l-alkoħol u x-xorb alkoħoliku (ĠU L 316, 31.10.1992, p. 21).

([4]) Id-Direttiva tal-Kunsill 2008/118/KE tas-16 ta' Diċembru 2008 dwar l-arranġamenti ġenerali għad-dazji tad-dwana u li jħassar id-Direttiva 92/12/KEE (ĠU L 9, 14.1.2009, p. 12).

([5]) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 684/2009 tal-24 ta' Lulju 2009 li jimplimenta d-Direttiva tal-Kunsill 2008/118/KE fir-rigward tal-proċeduri kompjuterizzati għall-moviment ta' prodotti tas-sisa taħt sospensjoni tad-dazju tas-sisa (ĠU L 197, 29.7.2009, p. 24).

([6]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2016/323 tal-24 ta' Frar 2016 li jistabbilixxi regoli dettaljati dwar il-kooperazzjoni u l-iskambju ta' informazzjoni bejn l-Istati Membri rigward oġġetti taħt sospensjoni tad-dazju tas-sisa skont ir-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 389/2012 (ĠU L 66, 11.3.2016, p. 1).

([7]) Id-Direttiva tal-Kunsill (UE) 2020/1151 tad-29 ta' Lulju 2020 li temenda d-Direttiva 92/83/KEE dwar l-armonizzazzjoni tal-istrutturi tat-taxxi tas-sisa fuq l-alkoħol u x-xorb alkoħoliku (ĠU L 256, 5.8.2020, p. 1).

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Fil-lista tal-Kodiċijiet 15 tal-Anness II tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2016/323, tiddaħħal ir-ringiela li ġejja:

"19	Ċertifikat ta' produttur żgħir indipendenti tax-xorb alkoħoliku".

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Għandu japplika mill-1 ta' Jannar 2022.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, is-17 ta' Diċembru 2021.

Għall-Kummissjoni
Il-President
Ursula VON DER LEYEN